MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 753/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom
u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc
kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Carmelina
Camenzuli sija bil-polza u sija bil-ligi u b'nota tas-6 ta' Mejju
2003 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited assumiet
id-drittijiet u l-obbligi kollha f'Malta tas-socjeta assukuratrici
estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet
tal-assikurata taghha Carmelina Camenzuli sija bil-polza
u sija bil-ligi.**

**Vs**

**Alexei Lautier**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm329.62) li jinkludu mitt lira Maltin (Lm100) “Excess” u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm40.25) “Loss of Use’ imhallsa mill-attrici Carmelina Camenzuli rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f’incident awtomobilistku tat-8 ta’ Dicembru 1999, gewwa Mdina Road, Attard, bejn il-vettura numru DAE 526 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru GAA 919 misjua mill-attrici Carmelina Camenzul u propjeta’ tal-istss Carmelina Camenzuli, liema incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku ta’ parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu (Lm10.50) ta’ ittra u konsult u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ma l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 14 tal-atti) u li biha eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-konvenut u Carmelina Camenzuli kienu ftehmu li l-hsara de quo tithallas fl-ammont ta’ Lm110 mill-konvenut, u ghalhekk kull ammont superjuri huwa eccessiv u mhux dovut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi meta xehed <u>l-istess konvenut</u> (fol 17 tal-atti) u in sostenn ta’ dak eccepit minnu, hu beda billi ammetta ili, in rigward dan l-incident, “…. t-tort ….. huwa tieghi”. Pero’

kien qed jikkontesta l-“quantum” ta’ danni pretiz fl-avviz in esami. Difatti hu jsostni li kien intlahaq ftehim bejnu u r-ragel tal-attrici fis-sens illi ftehim mat-tellar, propost mir-ragel tal-attrici dwar ix-xoghol ta’ riparazzjoni li kelu jsir fuq il-vettura involuta kif ukoll dwar il-‘quantum’ u ‘parts’ involuti. Inoltre, skond l-istess konvenut, “… konna ftehmna li ma ndahlux ‘insurance’. Pero’, cjoe nonostante, l-ghada stess, kien sar “survey” minn persuna inkarigata mill-assikurazzjoni tal-attrici. L-istess “surveyor”, il-Kaptan Stephen Micallef gie prodott u esebixxa “survey report’ relattiv u kien ikkalkula li in rigward ‘labour’ u ‘spray’ , l-ispejjes kienu jammontaw ghal Lm155. Inoltre l-imsemmi tellar Paul Camilleri (fol 33 u fol 34 tal-atti) u dan spjega illi r-ragel tal-attrici u l-konvenut ma kienux komplew jinnegozjaw bejniethom minhabba “… argument bejniethom “ u ghalhekk “…. Ma qablux bejniethom” wara li ntalbet stima lilu. Dwar l-istess diskussjoni, xehed ukoll ir-ragel tal-attrici, Oliver Camenzuli (fol 25 et seq ibid) li spjega illi presenti kien hemm hu, missier il-konvenut, it-tellar u forsi l-istess konvenut. Hawnhekk missier il-konvenut kien ghamillu offerta ta’ Lm100 ‘ghal hsarat kollha’ liema proposta ma gietx accettata minnu. Ghalhekk, kien irrikorra ghand l-assikurazzjoni tieghu li hallset it-tiswijiet kollha. Inoltre hu semma’ ukoll li martu kienet kostretta li tikri karozza minhabba n-natura tax-xoghol taghha kif deskritt fl-istess xhieda.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li bejn il-partijiet involuti fil-kollizjoni ma jistax jinghad li kien sar ftehim bejniethom dwar il-‘quantum’ ta’ hsarat kagunati fuq il-vettura misjuqa mill-attrici. Dwar l-istess punt, hu opportun li ssir referenza ghall-artikolu 1233 tal-Kodici Civili, fejn jinghad li l-obligazzonijiet assunti u kif elenkati fl-istess artikolu fosthom “any compromise’ ossija ‘kull transazzjoni’ tkun nulla sakemm ma ssirx permezz ta’ skrittura privata, li ma saritx f’dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, saret referenza ghad-dokumenti kollha esebiti sabiex jigu likwidati l-hsarat u danni dovuti lill-atturi cjoe dawk a fol 22, 23, 35, 36 u 39 minn fejn jidher li l-ammont globali ta’ danni attwalment mhallas u dokumentat kien jammonta ghal Lm283.62,0. Dwar dan ma ingiebet ebda prova dokumentata dwar dak li hu nizzel bhala “Loss of use” fl-avviz in esami u li jirreferi ghal Lm40.25,0 li ntuzaw ghal kiri ta’ karozza da parti tal-attrici, kif semma Oliver Camenzuli fix-xhieda tieghu.

Illi, ghalhekk, l-ammont globali ta’ hsarat qed jigi likwidat fis-somma ta’ Lm283.62,0 li minnhom Lm100 ghandhom jithallsu lill-attrici bhala “excess”.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut, kif ammess minnu stess.
2. Tillikwida l-ammont globali ta’ danni fis-somma ta’ Lm283.62,0 u;
3. Tikkunanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm183.62,0 u lill-attrici Carmelina Camenzuli, s-somma ta’ Lm100.00,0 bl-imghax legali mis-sitta (6) ta’ Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes inklusi Lm10.50,0 ta’ ittra u konsult kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Gunju 2000 imsemmija fl-avviz, danni jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u terz (1/3) mis-socjeta attrici nomine et.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------